MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Numru 790/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR J. MERCIECA**

**VS**

**REUBEN SCICLUNA**

**Illum 17 ta’ Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Reuben Scicluna, ta’ 27 sena, iben John u Victoria nee’ Scicluna, imwieled Attard, fid-9 ta’ Jannar 1976 u li joqghod “St. Francis”, Triq in-Nutar Emanuel Debono, Naxxar, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 51376 (M);

Talli fl-10 ta’ Lulju, 2002, ghall-habta ta’ nofsinhar, gewwa Hansa Stores ta’ Triq it-Turisti, Bugibba, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ tlett mija u tlieta u hamsin (Lm353) liri maltin bi hsara ta’ haddiehor.

Wara li rat l-Artikolu 308 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Reuben Scicluna, hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti qeghda tikkundanna lill-istess imputat ghal terminu ta’ sena prigunerija, izda tordna illi din is-sentenza ma’ tibdix issehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, kif ukoll qeghda tordna lill-istess imputat sabiex fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum huwa jghaddi l-ammont ta’ Lm353 lill-Ispettur J. Mercieca, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------